

Brussell, 20 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10477/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0196 (NLE)

ECOFIN 695
CADREFIN 359
UEM 193
FIN 565

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Litwanja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tal-Litwanja kien ta' 56 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tal-Litwanja naqas b'0,9 % fl-2020 u huwa mistenni li jiżdied bi 2 % b'mod kumulattiv fl-2020 u fl-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu rizzultati ħżiena fis-saħħa u fl-edukazzjoni, inugwaljanza għolja fl-introjtu u rati ta' faqar għoljin, il-konformità dgħajfa mar-regoli tat-taxxa, potenzjal ta' riċerka u innovazzjoni mhux sfruttat u livelli baxxi ta' investiment privat u pubbliku.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lil-Litwanja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Litwanja ttejjeb il-konformità tat-taxxa u twessa' l-bażi tat-taxxa għal sorsi li huma inqas detrimental għat-tkabbir, u tindirizza l-inugwaljanza fl-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż billi ttejjeb it-tifsila tas-sistema ta' taxxa u benefiċċji. Minbarra dan, huwa rrakkomanda li l-Litwanja ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim għall-adulti, u li żżid il-kwalità, l-affordabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Il-Litwanja kienet rakkomandata wkoll li tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-innovazzjoni, l-enerġija u l-effiċjenza fir-riżorsi, it-trasport sostenibbli u l-interkonnessjonijiet tal-enerġija, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali, u tistimola t-tkabbir tal-produttività billi ttejjeb l-effiċjenza tal-investment pubbliku. Barra minn hekk, il-Litwanja ġiet rakkomandata wkoll li tiżviluppa qafas ta' politika koerenti biex issostni l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozji u tikkonsolida l-aġenziji tal-implimentazzjoni fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Sabiex tiġġieled il-kriżi tal-COVID-19, il-Litwanja nġhatat ir-rakkomandazzjoni li tiegħu l-miżuri kollha neċessarji biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Litwanja ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi timmobilizza finanzjament adegwat u tindirizza n-nuqqasijiet fil-forza tax-xoġhol tas-saħħa u ta' prodotti mediċi kritiċi u ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa. Barra minn hekk, il-Litwanja nġhatat ukoll ir-rakkomandazzjoni li timmitiga l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, iżżid il-finanzjament u l-kopertura tal-miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xoġhol u tippromwovi l-ħiliet, tiżgura l-kopertura u l-adeqwatezza tas-salvagwardja tal-protezzjoni soċjali u ttejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxi u l-benefiċċji biex tiproteġi mill-faqar.

Il-Litwanja għet rakkomandata wkoll li tappoġġa l-likwidità għan-negozji, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-setturi orjentati lejn l-esportazzjoni, tipprovdi finanzjament minn qabel għal proġetti maturi ta' investiment pubbliku, u tippromwovi l-investiment privat biex trawwem l-irkupru ekonomiku. Finalment, il-Kunsill irrakkomanda li l-Litwanja tikkonċentra l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-kopertura u l-użu tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna, fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u t-trasport sostenibbli u biex tippromwovi l-innovazzjoni teknoloġika fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP), il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar it-teħid tal-miżuri kollha neċessarji biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru li jirriżulta għet implimentata bis-sħiħ. Sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar l-iffukar tal-investiment fuq l-interkonnnessjonijiet tal-enerġija.

- (3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro rrakkomandat li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRP tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u li jkomplu jitjiebu l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jsaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, li jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja, li jikkompletaw l-unjoni ekonomika u monetarja u li jsaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.

- (4) Fl-14 ta' Mejju 2021, il-Litwanja ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali. Is-sjieda Nazzjonali tal-RRP tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament.
- (5) L-RRP jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-‘Faċilità’) u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Dawn jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntieri, tali riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastru

- (7) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u l-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Gradazzjoni A) rispons komprensiv u bilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastru kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jkun qed jiffaċċja l-Istat Membru kkonċernat u l-allokkazzjoni finanzjarja għalih .
- (8) L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastru kollha, b'kull wieħed mis-seba' komponenti tal-RRP jindirizza pilastru wieħed jew aktar. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jiżgura li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u koerenti. Fl-istess ħin, l-RRP jinkludi komponent wieħed iddedikat speċifikament għat-tranżizzjoni ekoloġika u ieħor għat-tranżizzjoni diġitali. Il-ksib tal-objettiv ekoloġiku jiġi appoġġat permezz taż-żieda ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli prodotti lokalment, bil-promozzjoni tat-trasport sostenibbli, b'miżuri ta' akkwist pubbliku ekoloġiku kif ukoll bir-rinnovazzjoni tal-bini sabiex jitravwem ambjent urban sostenibbli, biex b'hekk jiġi promoss it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-investimenti u r-riformi mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, tal-ekosistemi tan-negozju u industrijali kif ukoll lejn it-titjib tal-livell ta' ħiliet diġitali u l-promozzjoni tal-introduzzjoni tal-5G huma kollha mistennija jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi diġitali.

- (9) L-RRP mistenni jikkontribwixxi għat-titjib tal-prestazzjoni makroekonomika permezz tal-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, waqt li jtejjeb il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, biex b'hekk jappoġġa t-tielet pilastru msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Dan jinkludi ż-żieda fl-investimenti u l-appoġġ għall-innovazzjoni fit-tul, it-titjib tal-prestazzjoni edukattiva u l-espansjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. L-RRP jiffoka fuq l-edukazzjoni u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fuq it-titjib tal-qafas tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u b'hekk jikkontribwixxi għar-raba' u s-sitt pilastru msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament. It-titjib tal-edukazzjoni fil-Litwanja mistenni jikkontribwixxi direttament għar-reżiljenza ekonomika u soċjali billi jċekken id-distakk fl-edukazzjoni kkawżat mill-isfondi soċjoekonomiċi tal-istudenti. L-RRP jimmira wkoll li jiżgura li n-nies ikollhom il-ħiliet għall-impjiegi futuri permezz ta' sistema ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali mtejjba, sistema usa' ta' gwida għall-karriera u sistema ristrutturata ta' taħlim għall-adulti. Il-miżuri li jipromwovu l-edukazzjoni għolja u l-innovazzjoni huma mistennija jżidu l-produttività u l-kompetittività tal-Litwanja.

- (10) Wara l-kriżi tal-COVID-19, l-RRPLitwan jinkludi miżuri mmirati li jsaħħu r-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika, soċjali u istituzzjonali, jiġifieri l-ħames pilastru msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Filwaqt li l-RRP jiffoka direttament fuq it-titjib tar-reżiljenza, tal-kwalità, tal-aċċessibbiltà u tal-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa, jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jirrifurmaw l-infrastruttura soċjali tal-Litwanja. L-RRP iwiegħed li jtejjeb l-effiċjenza tas-settur pubbliku permezz tar-riforma tas-servizz ċivili u tad-diġitalizzazzjoni, permezz ta' riforma tas-sistema tat-taxxa orjentata lejn konformità oġhla, ġustizzja, kapacià ta' ridistribuzzjoni mtejba u ambjent favorevoli għat-tkabbir, kif ukoll permezz ta' titjib fil-qafas baġitarju, inklużi rieżamijiet tal-infiq. Il-miżuri inklużi fl-RRP jimmiraw ukoll li jtejbu l-appoġġ tal-impjieg u l-protezzjoni tal-introjtju minimu garantit, sabiex itaffu l-faqar u jtejbu l-koeżjoni soċjali. Dawn il-miżuri huma mistennija li jtejbu l-koeżjoni territorjali.

Indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b) u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lil-Litwanja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (12) LRRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv bi gradi differenti l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Litwanja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, bħar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà, il-kwalità, l-affordabbiltà u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni u l-ħiliet, bħall-kwalità u l-effiċjenza tal-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ; l-inklużjoni soċjali, bħall-benefiċċji tal-introjtu minimu; il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-effettività fl-innovazzjoni tas-sistema ta' taxxa u benefiċċji; l-innovazzjoni; u l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, it-trasport sostenibbli u l-interkonnessjonijiet tal-enerġija.
- (13) Ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRP mistennija li jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija b'mod sostenibbli. L-RRP għandu l-għan li jawwem tkabbir imġedded billi jappoġġa t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi; l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, u l-iżvilupp tal-ħiliet, u settur pubbliku aktar effiċjenti.

- (14) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu bħala li jaqgħu barra mill-ambitu tal-RRP tal-Litwanja, minkejja li l-Litwanja ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li tappoġġa l-ekonomija permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-interkonnessjonijiet tal-enerġija u mal-assistenza għal-likwidità għas-settur privat jistgħu jitqiesu wkoll li ma jaqgħux fl-ambitu tal-RRP billi, l-ewwel nett, il-proġetti tal-interkonnessjoni tal-enerġija jinsabu fit-triq it-tajba u, it-tieni, billi l-Gvern Litwan introduċa differimenti ta' taxxa, alloka fondi għal pagamenti diretti u impenja ruħu li jipprovdi garanziji addizzjonali għal self biex jappoġġa l-likwidità għan-negozji, b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19.

- (15) Il-konverġenza kontinwa tibqa' prijorità għal-Litwanja, u teħtieġ tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali u l-indirizzar tan-nuqqas ta' forza tax-xogħol kwalifikata u investment baxx, inkluż fir-riċerka u żvilupp. L-ambjent tan-negozju tal-Litwanja jenħtieġ li jittejjeb permezz ta' riformi u investimenti li għandhom l-għan li jtejbju l-għbir tat-taxxi, l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxi u d-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku. L-RRP għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-livelli kollha u jżid ir-rati tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għal ġestjoni aħjar tal-ħiliet. Ir-riformi u l-investimenti fl-edukazzjoni għolja, fis-sistemi tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali mistennija li jgħinu lil dawn is-sistemi jirrispondu aħjar għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fis-suq tax-xogħol u għall-politiki soċjali. Il-konsolidazzjoni tal-aġenziji responsabbli għall-promozzjoni tal-innovazzjoni mistennija tgħin biex tagħmel il-politiki tar-riċerka u tal-innovazzjoni aktar effiċjenti. L-inugwaljanzi reġjonali, ir-riskju għoli ta' faqar, u esklużjoni soċjali huma indirizzati permezz ta' riformi biex tittejjeb l-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjt minimu, u l-kapaċità ta' ridistribuzzjoni tas-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa, titjib fil-kura fit-tul, u l-miżuri biex jitjiebu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa. Il-politiki favur it-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-pajjiż, bħat-tkomplija tal-iżvilupp ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, l-appoġġ għall-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli u s-sostituzzjoni tal-vetturi li jniġġsu b'vetturi mingħajr emissjonijiet jikkontribwixxu wkoll sa ċertu punt biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi reġjonali sinifikanti. Fuq din il-bażi, l-RRP mistenni jipprovdi spinta sinifikanti għall-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija Litwana b'mod sostenibbli.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u l-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Litwanja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (17) Is-simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Litwanja b'bejn 1,0 % u 1,6 % sal-2026, mingħajr l-inklużjoni tal-possibbiltà ta' impatt pożittiv tar-riformi strutturali, li jista' jkun wieħed sostanzjali. Ir-riformi u l-investimenti sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir inklużi fil-pjan huma mistennija jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali tal-ekonomija tal-Litwanja u jtejbu r-reżiljenza u l-produttività tagħha. Il-miżuri favur il-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi amministrattivi pubbliċi, il-miżuri li jappoġġaw it-taħriġ u l-intraprenditorija, kif ukoll l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozji, huma konformi mal-Istrateġija Industrijali Ewropea aġġornata u huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod dirett għal aktar ħolqien tal-impjiegi, kompetittività ekonomika u tkabbir sostenibbli fit-tul. Ir-riforma tal-iskema ta' introjtu minimu, il-miżuri biex tiġi mmodernizzata l-edukazzjoni ġenerali u r-riforma tas-sistema tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali flimkien ma' miżuri għat-titjib tal-kwalità u l-aċċessibbiltà għas-servizzi tas-saħħa mistennija li jkollhom effett deġġiem fuq l-inklużjoni soċjali u l-ħiliet tal-Litwanja. L-impatt fit-tul ta' dawn il-miżuri huwa mistenni li jissaħħaħ mill-benefiċċji fiskali u ekonomiċi tar-riformi ppjanati relatati mas-settur pubbliku, b'mod partikolaridawk immirati lejn it-titjib tal-qafas baġitarju, il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-effiċjenza tas-sistema fiskali.

- (18) L-RRP mistenni jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali permezz ta' impatt pożittiv sinifikanti fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju fuq il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-faqar u l-inugwaljanza fl-introjt, fost l-oħrajn bis-saħħa ta' żieda fil-finanzjament u fil-kopertura tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol; żieda fil-benefiċċji universali għall-anzjani li jgħixu waħedhom u għall-persuni b'diżabilità; u żieda fil-kopertura tas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali għall-qgħad. L-impatt fit-tul mistenni jkun imsaħħaħ permezz ta' titjib fil-prestazzjoni edukattiva u fl-effiċjenza tas-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa. L-impatt tal-RRP fuq il-koeżjoni territorjali ma ġiex kwantifikat, imma analiżi kwalitattiva tissuġġerixxi impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi bejn ir-reġjuni Litwani.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u l-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(20) L-RRP jiżgura għal kull waħda mir-riformi u l-investimenti li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Il-Litwanja pprovdiet ġustifikazzjonijiet f'konformità mal-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “ma tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.”¹ . Fejn meħtieġa, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minquxa fit-tfassil ta’ miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira ta’ dik il-miżura. Dan jiżgura li kull żborż għall-miżuri rispettivi jista’ jsir biss ladarba tkun żgurata l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

(21) LI-RRP jagħti attenzjoni partikolari lill-miżuri li l-impatt tagħhom fuq l-oġġetti ambjentali jimmerita skrutinju mill-qrib. Il-komponent ekoloġiku jiffoka b'mod partikolari fuq il-mobbiltà sostenibbli permezz tar-riforma intitolat "Nivvjaġġaw mingħajr ma nniġġsu l-ambjent". Dan jinkludi, fost l-oħrajn, appoġġ biex jiġi żviluppat is-settur tal-karburanti rinnovabbli, inkluż il-bijometan u l-bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni, u l-ftuħ ta' stazzjonijiet tas-servizz għal tali karburanti alternattivi. Dawk l-investimenti jistgħu potenzjalment jagħmlu ħsara lil diversi oġġetti ambjentali, bħall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-biodiversità. Jenħtieġ li dan ikun evitat bir-rekwiżit li l-gass tal-bijometan jew il-bijokarburanti jiġu prodotti esklussivament mill-feedstocks elenkati fl-Anness IX għad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u li l-produzzjoni finali tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva kif ukoll mal-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati. Jenħtieġ li l-produtturi jippreżentaw ċertifikati li jixhdu s-sostenibbiltà tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-Litwanja pprovdiet garanziji, imtennija fil-mira korrispondenti, li jenħtieġ li l-vetturi appoġġati skont l-RRP jużaw esklussivament bijokarburanti, karburanti bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa konformi mad-Direttiva (UE) 2018/2001, u li l-proporzjon ta' bijokarburanti fit-taħlita nazzjonali tal-karburanti jiżdied maż-żmien. Jenħtieġ li tinholq sistema ta' unitajiet ta' kontabbiltà tal-karburanti rinnovabbli sabiex jiġu rreġistrati l-kwantitajiet tal-gass tal-bijometan u karburanti rinnovabbli oħra furniti lis-settur tat-trasport. S' dik is-sistema, l-operaturi jenħtieġ li jiksbu ċertifikati proporzjonati għall-użu mistenni ta' karburant rinnovabbli. Finalment, il-liġi dwar il-karburanti alternattivi tipprevedi rekwiżiti ġodda għall-produtturi tal-karburanti.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (22) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e) u l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,8 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP. Ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI għar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (23) Il-miżuri fl-RRP tal-Litwanja mistennija jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tranżizzjoni ekoloġika, u jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. L-RRP jappoġġa l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tranżizzjoni enerġetika tal-Litwanja, kif stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030. Il-komponent ekoloġiku fih miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, il-mobbiltà sostenibbli, ir-rinnovazzjoni tal-bini, ir-restawr tat-torbieri degradati u l-ekonomija ċirkolari. Minbarra dan, il-komponent tas-settur pubbliku fih miżura dwar ir-rieżami tas-sistema tat-taxxa kurrenti bil-għan li jiġu identifikati u eliminati gradwalment il-ħelsien u l-eżenzjonijiet mit-taxxa li jagħmlu l-aktar ħsara lill-ambjent. L-implimentazzjoni ta' daww il-miżuri proposti mistennija jkollha impatt dejjiemi, b'mod partikolari billi jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, it-tiġib tal-bijodiversità u l-ħarsien tal-ambjent.

- (24) Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-RRP mistenni jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' mill-inqas 301,9 MW ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Minn din il-kapaċità għida, jenħtieġ li mill-inqas 271,8 MW jikkonsistu f'impjanti tal-enerġija solari, inklużi 4 MW ta' enerġija solari fir-reġjun ta' Utena, u mill-inqas 30,1 MW f'enerġija eolika fuq l-art. Barra minn hekk jenħtieġ li jiġu installati faċilitajiet individwali tal-ħżin tal-elettriku b'mill-inqas 15,2-il Mwh u ħżin ieħor tal-elettriku b'mill-inqas 200 MW.
- (25) Bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-miżuri fl-RRP, u b'mod partikolari investimenti bil-għan li titħaffef ir-rinnovazzjoni tal-bini, huwa mistenni li sal-2026 jintlaħaq iffrankar tal-enerġija primarja ta' 215-il Gwh, li jista' jissarraf fi tnaqqis ta' 21 500 tunnellata ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju f'emissjonijiet. Dan huwa minbarra l-iffrankar tal-enerġija u tal-gassijiet serra mistenni mis-sostituzzjoni ta' vetturi li jniġġsu b'vetturi b'emissjonijiet zero u baxxi, akkumpanjata mill-ħolqien tal-produzzjoni meħtieġa tal-karburanti alternattivi u tal-infrastruttura tal-iċċarġjar/tal-mili. Barra minn hekk, jenħtieġ li sal-2023 jiġi adottat Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari bil-għan li tkun żgurata t-tranżizzjoni tal-Litwanja lejn ekonomija ċirkolari sal-2035. Il-miżuri fl-RRP mistennija jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija tal-2030 u tal-2050 tal-Litwanja.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 31,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (27) L-RRP jindirizza l-aspetti kollha tat-trasformazzjoni diġitali tal-Litwanja: il-konnettività, id-diġitalizzazzjoni tas-setturi pubbliċi u privati, u l-ħiliet diġitali. L-RRP jinkludi miżuri biex ikompli l-varar ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, inkluż f'żoni rurali u remoti. Minbarra dan, riformi u investimenti sostanzjali jimmiraw li jiddiġitalizzaw is-settur pubbliku. Jenħtieġ li dan ikollu rwol ċentrali fid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, b'titjib tal-ambjent tan-negozju u bi tnaqqis tal-kostijiet amministrattivi. L-RRP jinkludi miżuri għall-promozzjoni tal-ħiliet diġitali tat-tfal, tal-impjegati, tal-impjegati taċ-ċivil u taċ-ċittadini anzjani. Huma ppjanati wkoll miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' impjegati tal-IT fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-RRP jippreżenta investimenti għall-promozzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati fis-settur privat, partikolarment fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozji għal teknoloġiji innovattivi u d-diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali.

- (28) Sfida prominenti u li teħtieġ azzjoni prijoritarja fil-kuntest tal-pandemija hija d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u tal-edukazzjoni. L-RRP jinkludi miżuri għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali relatati mas-saħħa online u mat-tagħlim online. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi miżuri importanti għall-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet diġitali fl-organizzazzjoni tas-servizz għall-impjegi, fil-ġbir tat-taxxa u tad-dazji doganali, u fl-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija.

Impatt dejjiemi

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(g), u l-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq il-Litwanja fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A).

- (30) L-implimentazzjoni tar-riformi previsti mistennija twassal għal bidliet strutturali fit-tul. B'mod partikolari, ir-riformi li jimmiraw li jrawmu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll riformi li jikkonċernaw is-sistemi tal-edukazzjoni u ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, mistennija jkollhom impatt dejjiemi fuq l-ekonomija tal-Litwanja, billi jsaħħu l-ħiliet tan-nies fir-rigward tas-suq tax-xogħol u b'hekk irawmu l-kapaċità tal-esportazzjoni, il-produttività u, b'mod kumplessiv, it- tkabbir sostenibbli fit-tul. Barra minn dan, ir-riformi previsti fl-edukazzjoni għolja mistennija jtejbju l-kwalità u l-effiċjenza tal-programmi tal-edukazzjoni għolja. Is-simplifikazzjoni tal-politika tal-Istat dwar l-innovazzjoni mistennija jkollha impatt dejjiemi mdaqqs fuq l-innovazzjoni. Ir-riformi previsti fis-settur tas-saħħa, bħall-konsolidazzjoni tan-network tal-isptar, ir-riorganizzazzjoni tas-servizzi tal-ambulanza, l-istabbiliment tal-Pjattaforma ta' Kompetenzi tal-Professjonisti tas-Saħħa u l-iżvilupp tas-sistema tas-saħħa diġitali, huma mistennija li jżidu l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa u li jsaħħu r-reżiljenza tagħha. Minbarra dan, ir-riformi biex jiġi modernizzat is-settur pubbliku, kemm fir-rigward tal-ġestjoni tas-servizz ċivili kif ukoll fir-rigward tal-ippjanar tal-baġit, inklużi rieżamijiet tal-infiq, mistennija jiskattaw titjib dejjiemi fl-effiċjenza tas-settur pubbliku. Ir-riformi li jsaħħu l-konformità mar-regoli tat-taxxa u li jtejbju l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa u l-kapaċità ta' ridistribuzzjoni tas-sistema tal-benefiċċji tat-taxxa mistennija li jtaffu l-faqar u l-esklużjoni soċjali u jtejbju s-sostenibbiltà fiskali u l-effiċjenza ekonomika.

- (31) L-implimentazzjoni tal-investimenti previsti mistennija twassal għal bidliet strutturali fit-tul. L-investment ekoloġiku mistenni jappoġġa t-tranżizzjoni tal-Litwanja lejn ekonomija ċirkolari, jagħti spinta lill-mobbiltà intelliġenti u innovattiva, u jnaqqas id-dipendenza tal-Litwanja fuq enerġija u riżorsi mhux rinnovabbli. L-investimenti li jrawmu d-diġitalizzazzjoni fis-settur pubbliku, fin-negozji u fl-akkademja mistennija jwasslu għal aktar effiċjenza f'dawk is-setturi. Minbarra dan, iż-żieda fil-finanzjament u fil-kopertura tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol mistennija jkollha impatt dejjiemi fuq il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, kif ukoll fuq it-tnaqqis tal-faqar u fuq l-ugwaljanza fl-introjtu.
- (32) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inklużi dawk iffinanzjati mill-fondi ta' politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruq fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (33) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h) u l-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

- (34) Jenħtieġ li l-Ministeru tal-Finanzi jkun l-awtorità ta' ġestjoni li tikkoordina l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-RRP u jenħtieġ li jkun il-punt ta' kuntatt ewlieni għall-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-aġenzija tal-ġestjoni ċentrali tal-proġetti tkun awtorità amministrattiva tal-RRP, li tivvaluta u tagħżel il-proġetti u tiżgura li jkunu konformi mal-kuntratti tal-proġetti kif ukoll mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni. Il-ministeri settorjali u l-awtoritajiet taħt il-kontroll tagħhom jenħtieġ li jkunu primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni u għar-rapportar dwar l-istadji importanti u l-miri. L-indikaturi ta' monitoraġġ huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. Dawn jirriflettu l-livell ġenerali ta' ambizzjoni tal-RRP b'mod adegwat u huma realistiċi. Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri matul is-snin hija kemxejn inugwali, b'posponiment għall-2026. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-twettiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata talba ta' żborż.
- (35) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab bl-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

Estimi tal-prezzijiet

- (36) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i) mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-ipejjeż totali stmati tal-RRP hija sa punt medju (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (37) Il-Litwanja pprovdiet estimi tal-ispejjeż individwali għall-investment kollu inkluż fl-RRP. Id-diżaggregazzjoni tal-kostijiet hija ġeneralment dettaljata u sostanzjata sew. L-estimi huma bbażati fuq tqabbil ma' investimenti passati ta' natura simili. Filwaqt li l-Litwanja ma pprovdietx validazzjoni indipendenti għall-estimi tal-kostijiet proposti, il-valutazzjoni tal-estimi tal-kostijiet u tad-dokumenti ta' prova inerenti juru li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma ġustifikati sew u raġonevoli. L-ammonti proposti għall-finanzjament tqiesu xierqa u li jstabbilixxu l-plawżibbiltà tal-estimi tal-kostijiet f'livell moderat. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-ammonti huma f'livell baxx jew medju meta mqabbla mal-kostijiet ta' riformi jew investimenti simili, għal għadd limitat ta' miżuri l-estimi tal-prezzijiet jitqiesu plawżibbli sa punt baxx. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinforzaw il-konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (39) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP tal-Litwanja hija bbażata fuq proċessi u strutturi eżistenti u tidentifika b'mod ċar l-atturi (il-korpi/l-entitajiet) u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-tweqqif tal-kompiti ta' kontroll intern. Is-sistema hija bbażata fuq il-mudell użat għall-fondi strutturali għall-perjodu 2021–2027 u jenħtieġ li tkun tinkludi ġabra ta' funzjonijiet u proċeduri li jridu jitwettqu mill-awtorità ta' ġestjoni, mill-awtorità amministrattiva u mill-awtorità tal-awditjar fil-mandat tagħhom, biex tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-prinċipji tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Jenħtieġ li l-korpi jingħataw aċċess sħiħ għall-informazzjoni rilevanti. Madankollu, filwaqt li huma ppjanati l-għarfien espert u l-kapaċità amministrattiva addizzjonali tal-awtorità tal-awditjar maħluqa għada, din għadha trid tinbena.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

- (40) Minħabba, fost l-oħrajn, bidliet sinifikanti fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-fondi strutturali tal-Unjoni, ċerti elementi tal-awditjar u tal-kontroll kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-RRP u għalhekk jeħtieġ li jitlestew fi żmien debitu. Dan jikkonċerna l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġu stabbiliti l-mandati legali tal-awtoritajiet tal-ġestjoni, tal-amministrazzjoni u tal-awditjar, l-adozzjoni ta' strateġija tal-awditjar u l-operat u d-dħul fis-servizz ta' għodda tal-IT iddedikata (IS2021), li hija neċessarja biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/241. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, fl-RRP ġie inkluż stadju importanti għall-monitoraġġ tal-issodisfar tar-rekwiżiti u għandu jkun lest sal-ewwel talba għal pagament.

Koerenza tal-RRP

- (41) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k), u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (42) L-RRP Litwan huwa koerenti, b'riformi u investimenti konsistenti u li jsaħħu lil xulxin, u b'sinerġiji bejn il-komponenti differenti. L-RRP għandu viżjoni strateġika u konsistenti, u juri koerenza f'kull komponent, bejn l-oġġettivi tal-komponenti differenti u fost ir-riformi u l-investimenti individwali fil-komponenti differenti. Is-seba' komponenti huma koerenti fl-għanijiet tagħhom, fl-istrutturar tal-investimenti u tar-riformi u fl-illustrazzjoni tajba tar-relazzjoni u tal-interkonnessjonijiet tagħhom. Il-komponenti jsaħħu lil xulxin, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali. L-RRP huwa konsistenti wkoll mal-Pjan ta' Progress Nazzjonali u mal-programm attwali tal-Gvern.

Ugwaljanza

- (43) L-RRP fih xi miżuri li mistennija jgħinu lil-Litwanja biex tindirizza l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dawn jinkludu miżuri li b'mod dirett u indirett għandhom l-għan li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà, bħall-faċilitazzjoni tal-aċċessibbiltà għall-binjiet, l-użu indipendenti tas-servizzi pubbliċi online u żieda fil-benefiċċju universali għall-persuni b'diżabbiltà li jgħixu waħedhom. L-RRP tal-Litwanja jinkludi wkoll l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, b'mod speċjali għall-gruppi vulnerabbli, inklużi persuni b'diżabbiltà, persuni akbar fl-età, l-immigranti u r-refuġjati. Jenħtieġ li r-riforma tal-provvediment ta' kura fit-tul ittejjeb il-possibbiltà biex il-persuni li jindukraw u li huma fl-età tax-xogħol, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma nisa ta' mezza-età, jerġgħu lura għas-suq tax-xogħol. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRP jenħtieġ li jnaqqsu d-diskrepanzi soċjali, ekonomiċi u territorjali eżistenti. L-RRP jirreferi għal inizjattivi leġiżlattivi u politiċi li mistennija jikkomplementaw ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRP.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (44) L-RRP jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti fil-konnettività tal-5G, li tirreferi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-miżuri ewlenin rakkomandati fil-kuntest tas-sett ta' għodod tal-UE għaċ-ċibersigurtà tan-networks tal-5G. Dawk il-miżuri huma mmirati lejn, fost l-oħrajn, it-tiżni tar-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali u r-restrizzjoni tar-rwol tal-fornituri b'riskju għoli.

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

- (45) L-RRP jikkontribwixxi għal dawn il-proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed: Genome Europe, u l-kurituri 5G ta' Via Baltica u Rail Baltica. Uħud minn dawk il-proġetti huma ffinanzjati minn programmi oħra wkoll, bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u minn fondi strutturali.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (46) L-RRP ġie soġġett għal konsultazzjoni pubblika li saret f'April 2021, li fiha setgħu jipparteċipaw iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet. Fl-istadji bikrin tal-iżvilupp tal-RRP, ġew organizzati għadd ta' diskussjonijiet tematiċi, fejn kienu involuti l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, it-trade unions, l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi. Sabiex tiġi żgurata s-sjeda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (47) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP Litwan bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, skont l-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (48) L-ispiża totali stmata tal-RRP tal-Litwanja hija ta' EUR 2 224 686 966. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE)2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal-Litwanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Litwanja jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal-Litwanja.

- (49) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal-Litwanja għandu jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li ammont għal-Litwanja li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament isir disponibbli għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni biex tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament mingħajr dewmien żejjed.
- (50) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħtieġ li jiġi jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Litwanja tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (51) Il-Litwanja talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Dan l-ammont jenħtieġ li jkun disponibbli għal-Litwanja soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 (il-'Ftehim ta' Finanzjament').

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (52) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni għajr għall-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Litwanja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Litwanja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li tammonta għal EUR 2 224 195 119¹. Ammont ta' EUR 2 091 774 090 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal-Litwanja li tkun ugwali għal jew aktar minn EUR 2 224 195 119, ammont ieħor ta' EUR 132 421 029 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal-Litwanja li tkun anqas minn EUR 2 224 195 119, id-differenza bejn il- kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 2 091 774 090 għandha tkun disponibbli biex tiġi legalment impenjata f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Litwanja tal-ispejjeż msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbiliti fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Litwanja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 289 145 365 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Ftehim ta' Finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Litwanja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex ikun eliġibbli għal pagament, il-Litwanja għandha tilħaq l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President
